**Għażiż Pawlinu**

Niftakrek bil-bosta
Int għażiż ħabib,
It-tifkira tiegħek
Tħobbha bla ma trid.

Kemm paċi ġibtilna
Fis-sala fl-isptar,
Il-preżenza tiegħek
Kuraġġ lejl u nhar.

Kull darba li ġejt ħdejk
U kont inqarbnek,
Minnek kienet toħroġ
Qawwa li ssabbrek.

T'eżempju għalina
Inti dejjem kont,
Ma' martek w uliedek
Ħabbejt, bkejt u ħlomt.

Nibqa' fik niftakar
Raġel tar-rispett,
Kemm kont titbissimli
Tħeġġiġni għax rett.

Fi triqtek għas-Sema
Akkumpanjatek,
Il-kbira Kurunella
X'serħan hi tagħtek.

U issa ghand Kristu
Tistrieh hemm f'ħinu,
Itlob ghalina ħi
Għażiż Pawlinu.

Patri Mario Attard OFM Cap
15 ta' Dicembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.